MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2007

Numru 538/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**Benoit Buhagiar**
**Dr. Peter Fenech M.D.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Benoit Buhagiar ta’ 21 sena, bin Joseph u Edmea nee’ Barbara, mwieled Pieta fit-23 ta’ Novembru 1982, residenti: 156 Fl 4, Triq John Borg, B’Kara. ID643582M

U Dr. Peter Fenech MD, 70 sena, bin Emanuele u Ethelburga nee' Vella, mwieled B'Kara fl-24 ta' Jannar 1934, residenti: 19 "Id-Dwejra", Triq A. Schembri, B'Kara. ID101034M gew akkuzati:

Talli fis-7 ta' Frar 2004 u fil-gimghat ta qabel f'dawn il-Gzejjer sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz billi ssottomettew certifikati tal mard foloz lid-dipartiment tas-Sigurta Socjali.

Talli fl-istess cirkustanzi, xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe certifikati tal-mard.

Lill-Peter Fenech wahdu:

Talli fl-istess cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, u cioe certifikati tal-mard, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi, f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. JC5 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati ddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk

jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li nkwantu ghall-ammont li seta' fuqu jigwadanja illegalment l-imputat Beniot  Buhagiar kien taht il-Lm100.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Benoit Buhagiar l-artikoli 188 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat fil-konfront tal-imputat Dr. Peter Fenech MD l-artikoli 188, 184 u 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Benoit Buhagiar u Dr. Peter Fenech MD, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat Benoit Buhagiar u l-fedina penali netta tal-imputat Dr. Peter Fenech MD u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li fil-Verbal tas-Seduta tallum li nkwantu ghall-ammont li seta' fuqu jigwadanja illegalment l-imputat Benoit Buhagiar kien taht il-Lm100, tillibera lill-istess imputati Benoit Buhagiar u Dr. Peter Fenech MD taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Benoit Buhagiar u Dr. Peter Fenech MD l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------